MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 738/2005

**Citazzjoni numru 738/05 GC**

**Borg Cold Stores Limited (C- 3061)**

**vs**

**H.P. Cole Limited (C-20)**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici ghandha facilitajiet ta' 'cold-storage' fl-istabiliment taghha u minnhom tikri parti mill-ispazju

taghha lil terzi biex juzaw l-istabiliment taghha biex izommu xoghol frizat jew imkessah; u

Illi l-kera ghall-ispazju huwa bbazzat fuq kemm ikun ipprenota spazju t-terza persuna u dan skond in-numru ta' 'pallet space' mehtieg; u

Illi s-socjeta' attrici offriet is-servizz taghha f'Ottubru 2004 lis-socjeta' konvenuta liema socjeta' accettat u zammet xoghol ta' friza kif ukoll imkessah; u

Illi s-socjeta' giet interpellata biex thallas l-ammont dovut diversi drabi permezz ta' ittra bonarja u anki permezz ta' ittra ufficjali ta' 21 Gunju 2005, izda baqghet inadempjenti;

Illi l-ammont dovut sa' l-ahhar ta' Lulju 2005 huwa ta' Lm9527.32 (disa t'elef hames mija u sebgha u ghoxrin lira u tnejn u tletin centezmu);

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandiex din il-Qorti: -

tiddikjarhom debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' Lm9527.32 (disa t'elef hames mija u sebgha u ghoxrin lira u tnejn u tletin centezmu);

tikkundannhom ihallsu l-ammont fuq imsemmi bl-imghax kollu legali u bl-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri inkluz l-ittra ufficjali ta' 21 Gunju 2005;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata naqset li tidher u naqset li tghamel l-eccezzjonijiet taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta' attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Marzu 2006 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Mill-provi kollha prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement gustifikati u ghalhekk ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi u fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta:-

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet kollha tas-socjeta' attrici u tiddikjara s-socjeta konvenuta bhala debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' Lm9527.32 (disa t'elef hames mija u sebgha u ghoxrin lira u tnejn u tletin centezmu) u dana ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni u konsegwentement tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas l-imsemmi ammont u dana bl-imghaxxijiet kollha skond il-ligi u bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------